MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2004/1

**Mario Azzopardi**

**vs**

**Chairman, Enemalta Corporation**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Novembru, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' April 2004 fejn ir-Rikorrenti talab danni ta' tliet mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm388.99) rapprezentanti hsarat fil-kompjuter u fil-washing machine liema hsarat graw rizultat ta' vultagg baxx.

L-intimatipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-Rikorrenti li huwa l-istess Rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u Karmnu Attard (Foreman) u Josephine Vella (Inginier) u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kellhom vultagg baxx u rizultat ta' dan batew xi hsarat. Fosthom kien hemm kompjuter u washing machine.

2. L-intimat issottometta li l-hsarat ma kienux tort tieghu u ghalhekk mhux dovut ihallas kumpens.

3. It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet jinnota li vera kien hemm problema ta' fluctuation fid-dawl tant li l-istess Enemalta f' ittra tal-20 ta' Frar 2003 jirrikonoxxu l-fatt li kien hemm problema ta' low voltage u issa l-affarijiet ittrangaw.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

Minn din is-sentenza appellat il-Korporazzjoni konvenuta b' dawn l-aggravji:-

(1) It-Tribunal ma kellux gurisdizzjoni jisma' u jiddeciedi t-talba lilu mressqa stante li din ma tirrientrax fid-definizzjoni ta' "kummercjant" ghal liema jirreferi l-Artikolu 20 (1) tal-Kapitolu 378. Hi tikkontendi li l-kompetenza kienet tispetta lil qrati ordinarji u allura kien jinkombi fuq it-Tribunal adit li jissollevaha *ex officio*;

(2) It-Tribunal ma okkupax ruhu mill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a norma ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 minnha avvanzata;

(3) Il-pretensjoni tad-danni reklamati ma kienetx sew sostenuta mill-provi dokumentali u dippju hi ma nghatatx l-opportunita li tressaq lil fornituri ghall-kontroll tat-tiswijiet li jinghad li saru fuq certu apparat;

(4) L-ittra taghha tal-20 ta' Frar 2003 ma kellhiex tigi interpretata fil-mod imfisser mit-Tribunal;

(5) It-Tribunal mexa b' nuqqas ta' serjeta` u bi ksur tad-dritt ekwitattiv fil-konfront taghha;

Riferibilment ghall-ewwel aggravju jigi notat illi mill-atti processwali ma jirrizultax illi l-Korporazzjoni appellanti ssollevat xi eccezzjoni ta' nkompetenza quddiem it-Tribunal. Eccezzjoni din li kellha tigi opposta *in limine litis* inkella titqies rinunzjata (**Kollez. Vol. XXIV P III p 1067**). Huwa minnu li f' certi kontingenzi l-Kodici ta' Procedura jipprovdi illi eccezzjoni bhal din tista' tinghata quddiem il-Qorti fi grad ta' appell. Dan biss pero` fic-cirkostanzi prevvisti fis-subincizi (a) u (c) ta' l-Artikolu 774. Altrimenti, fil-kaz fejn il-kawza ma tkunx ta' kompetenza tal-qorti adita minhabba x-xorta jew il-valur tal-haga li tkun fil-kwestjoni (subinciz b) dik l-istess eccezzjoni ta' nkompetenza ma tistax tinghata f' qorti fi grad ta' appell. Dan skond ma jinghad fil-proviso ghall-imsemmi Artikolu 774. Ara a propozitu **Kollez. Vol. XXXIX P I p 488** u "**Francis Xavier Farrugia *et* -vs- Kevin Bugeja *et***", Appell Inferjuri, 22 ta' Ottubru 1999. Proprju fl-ewwel decizjoni riferenzjata jinghad dan: "Apparti jekk il-Qorti Inferjuri kellhiex jew le tiddikjara ruhha inkompetenti *ex officio*, jibqa' l-fatt li dik id-dikjarazzjoni l-Qorti Inferjuri ma ghamlithiex; u allura dik id-dikjarazzjoni ma tistax issir mill-Qorti ta' l-Appell";

Dan apparti, lanqas ma jidher li dak affermat mill-Korporazzjoni appellanti li hi mhix "kummercjant", ghax hi

enti statutorja mwaqqfa bil-Kapitolu 272, irceva l-adezjoni tal-Qrati Taghna. Inghad hekk fis-sentenza fl-ismijiet "**Karmenu Mifsud -vs- Dr. Richard Galea Debono *nomine***", Appell Civili, 10 ta' Marzu 1993:-

"Il-Korporazzjoni Telemalta ma jistax ikun dubju minn natura kostitutiva taghha stess hija dik ta' impriza ta' provvisti li tikkostitwixxi minnha nfisha dak l-att ta' kummerc - hekk imsejjah oggettiv - li jidher fl-art 5 (g) tal-Kodici tal-Kummerc. Il-Korporazzjoni Telemalta - bhal dik ta' l-Enemalta - hija mpriza fuq skala nazzjonali li tikkomprendi attivita` ekonomika li ghal pajjizna, hija sostanzjali u tipprovdi diversi kwalitajiet ta' servizzi u provvisti - u ghalhekk il-Korporazzjoni tipposjedi, b' mod guridikament ezemplari, l-elementi kollha necessarji ghall-kuncett shih ta' impriza bhala att oggettiv tal-kummerc fiha nfisha, u l-Korporazzjoni minhabba din il-gestjoni ta' impriza, hija intrinsikament "negozjant" fl-ottika legali taghha." Similment inghad fil-kaz tal-Water Services Corporation. Ara sentenza fl-ismijiet "**Richard Despott -vs- George Borg *nomine***", Appell Civili, 21 ta' Mejju 1993. Anke allura ghal din ir-riflessjoni l-ewwel aggravju ma jistax jigi milqugh;

Kjarifikat dan il-punt, tajjeb li jigi qabel xejn ri-affermat illi biex ikun ammissibbli appell lil din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal irid jigi indikat lilha li d-decizjoni moghtija tmur kontra d-dettami tal-gustizzja naturali u dik id-decizjoni tkun ippregudikat b' mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella. Dan kif rikjest mill-Artikolu 22 tal-Kapitolu 378;

Salv ghal mument il-kwestjoni dwar l-eccepita preskrizzjoni, hu car mill-korp tas-sentenza appellata illi t-Tribunal ta affidament lill-allegazzjoni ta' l-attur appellat illi dan sofra hsarat f' xi apparat tieghu minhabba deficjenza fil-provvista ta' l-elettriku da parti tal-Korporazzjoni appellanti. Hi gurisprudenza pacifika f' materji li jolqtu lil dan it-Tribunal specjali illi fl-apprezzament tal-fatti dan l-istess Tribunal huwa l-uniku arbitru u d-decizjoni tieghu fuq din il-bazi ma hijiex sindakabbli sakemm id-decizjoni

ta’ fatt tkun tirrifletti l-gustizzja sostantiva u l-ekwita` li jippreciza l-Artikolu 21 (1) ta’ l-Att XXVIII ta’ l-1994;

Minn ezami taghha ta’ l-atti processwali din il-Qorti ma ssib xejn li jista’ jikkonforta l-lamentela tal-Korporazzjoni appellanti ta’ xi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali jew lezjoni tad-dritt ekwitattiv. Ibda biex minn ebda verbal ma jirrizulta l-addebitu personalizzat tad-deputat Michael Vella fil-proceduri u li l-Korporazzjoni tivventila bl-ahhar ilment taghha. Lanqas ma tirriskontra s-serjeta` fl-ilment li ma kienx hemm zmien adegwat ghall-ingunzjoni tax-xhieda li bieghu l-oggetti lill-attur. Mill-atti jirrizulta illi sa mis-7 ta’ Dicembru 2004 l-konsulent legali tal-Korporazzjoni kellu fil-pussess tieghu kopji ta’ ricevuti (ara dokument a fol. 16) u dejjem seta’ allura jitharrku x-xhieda li l-Korporazzjoni xtaqet ittella, anke jekk l-avviz tas-seduta kien wiehed qasir. Wara kollox, il-Korporazzjoni kienet taf sa mill-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Novembru 2004 illi l-kawza kienet giet differita ghall-kontro-ezami tax-xhieda ta’ l-attur appellat. Fil-verita`, din il-Qorti ma ssib xejn taht dan l-aspett li jwassal ghac-censura tal-mod tal-kunduzzjoni tal-provi mit-Tribunal, jew li jincidi negattivament fuq l-oggettivita tal-gudizzju ta’ l-istess Tribunal;

F’ kazijiet bhal dan in ezami, it-Tribunal jiddeciedi fuq bazi ta’ ekwita` u ma jidherx li dan l-ezercizzju ma sarx ukoll f’ dan il-kaz. Jirrizulta nfatti, anke jekk dan strettament ma jinghadx espressament, illi hu identifika cirkostanzi li nducewh jimmitiga il-kwantum tad-danni tant li rreduca sensibilment l-ammont dwarhom minn kif pretiz mill-appellat;

Maghmula dawn ir-riflessjonijiet, xorta wahda din il-Qorti hi tal-fehma li t-Tribunal ippekka kontra d-dettam tal-gustizzja naturali meta naqas li jokkupa ruhu mill-eccezzjoni sollevata tal-preskrizzjoni u li hu kellu, skond il-proviso ta’ l-Artikolu 21 (1) ta’ l-Att, jiddetermina dejjem skond il-ligi. Fic-cirkostanzi, jikkompeti issa lil din il-Qorti li

tinvesti l-preskrizzjoni bjennali eccepita. Preskrizzjoni din estintiva fit-termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili ghall-kaz ta' azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b' reat;

Jinsab affermat illi "*tale prescrizione debba, secondo i principii generali del diritto, incomminciare dal giorno in cui il fatto illecito dal quale il danno sarebbe derivato, fu posto in essere*" (**Kollez. Vol. XVII P I p 151**). Il-Korporazzjoni appellanti tafferma li l-fatti meritu tad-dannu reklamati sehhew ghal habta ta' Frar 2002. F' dan il-kuntest tirreferi ghall-ittra tat-8 ta' Jannar 2004 mibghuta minn Michael Vella, Ufficcjal Inkarigat Taqsima ta' Ghawdex, Divizjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni. Konsegwentement, targomenta, illi gjaladarba l-azzjoni giet intavolata fit-30 ta' April 2004, din kienet, in virtu ta' l-Artikolu 2153, preskritta bid-dekors ta' sentejn;

Din il-Qorti ghamlet ricerka bir-reqqa fl-inkartament tal-kaz quddiem it-Tribunal izda ma setghet issib ebda accenn la ghall-ittra imsemmija tat-8 ta' Jannar 2004 u lanqas referenza ghax-xahar specifikat ta' Frar 2002. Sabet biss ittra datata 24 ta' Jannar 2003 (fol. 20) mill-konsulent legali ta' l-attur lill-Korporazzjoni appellanti fejn giet attribwita lilha r-responsabilita` ghad-danni, u r-risposta ghal din l-istess ittra mibghuta mill-Korporazzjoni fl-20 ta' Frar 2003 (fol. 19). Minn din l-ahhar ittra din il-Qorti tigbed b' inferenza illi tabilhaqq kienet tezisti problema ta' voltagg li giet mill-Korporazzjoni indirizzata permezz ta' "*reinforcement works*". Ragonevolment, anke kieku kellha tigi accettata s-sottomissjoni illi l-incident sehh fi Frar 2002, jidher li *ex concessis* kien hemm mill-Korporazzjoni appellanti rikonoxximent tad-deficjenza fis-servizz lamentata mill-appellat. Logikament, rikonoxximent espress f' dawk it-termini jimporta rinunzja jew kawza interruttiva ghall-preskrizzjoni, anke ghaliex, hu accettat illi r-rikonoxximent jista' jkun prezunt jew indirett. Anke ghal din ir-raguni, allura, din il-Qorti ma ssib ebda gusitifikazzjoni biex takkolji l-preskrizzjoni eccepita.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell fil-kapi kollha devoluti lilha u b' hekk tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal adit, bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni appellanti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------